# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 687

KAZ NRU 956

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Alessandro Petrella

u

Alex Mercieca Bathroom Centre

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 23 ta' Frar 1996

Chairman : Is-Sur Carmel Debono

1. INTRODUZZJONI

Din il-Kwistjoni tax-Xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tal-Edukazzjoni u Rizorsi Umani permezz ta' ittra datata 25 ta' Lulju, 1995 b'referenza ME 4/95/63 biex tigi processata skond l-artiklu 28(2) Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm hdax (11) il-seduta.

L-appellant, Alessandro Petrella kien assistit mill-avukat Martin Fenech u l-avukatessa Donatella Frendo waqt li s-sid, is-sur Alex Mercieca, l-"owner" tal-Mercieca Bathroom Centre kien assistit mill-avukat Joseph Brincat.

XHIEDA

Tul il-procedimenti quddiem it-Tribunal xehdu s-segwenti persuni:-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Kenneth Cefai | - | General Manager |
| Is-Sur Alex Mercieca | - | Is-sid |
| Is-Sur George Brincat | - | Impjegat (Part time) |
| Is-Sinjorina Sandra Pisani | - | Salesgirl |
| Is-Sinjorina Ruth Spiteri | - | Accounts Clerk |
| Is-Sinjura Tracey Petrella | - | Mart l-Appellant |
| Is-Sur Alessandro Petrella | - | l-Appellant |

3. SOTTOMISSJONIJIET

L-appellant issottometta li kien gie mkecci mill-post tax-xoghol minhabba li naqset bicca ghodda cioe' "jigsaw", nuqqas attribwit ingustament ghalih li min barra li tilef ix-xoghol, gie wkoll identifikat bhala halliel.

Is-sid issottometta li l-appellant kien gie illicenzjat mix-xoghol ghax ma kienx qieghed jaghti servizz sodisfacenti.

Is-sid argumenta li l-agir u l-komportament ta' l-appellant ma kinux ippermettu l-opportunita' li jinzamm fuq ix-xoghol biex tigi gustifikata l-paga tieghu.

4. DOKUMENTI

Tul is-smigh tal-kaz gew esebiti s-segwenti dokumenti:-

(i) Kopja tal-Formola tal-Bidu tal-Impjieg ta' l-appellant.

(ii) Kopja tal-Formola tac-Certifikat tat-Temm ta' l-Impjieg ta' l-appellant.

(iii) Il-pagamenti li thallas l-appellant meta spicca.

(iv) Kopja tal-Formola ta' Bidu ta' l-Impjieg ta' Mario Galea li gie mpjegat wara li spicca l-appellant.

(v) Numru konsidereveoli ta' "Stock Cards" tal-materjal cioe' ceramika, etc li kien responsabbli ghalihom l-appellant.

(vi) Fotokopja ta' ittra mill-Ufficcju tal-Prim Ministru datata 27 t'Ottubru 1993 li Mrs Tracy Petrella, mart l-appellant li tippermetti lill-zewgha jista' jahdem Malta.

(vii) Fotokopja tal-ktieb tax-xoghol ta' l-appellant.

(viii) Fotokopja tac-Certifikat tar-Registrazzjoni mahrug mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali tal-appellant.

5. SOTTOMISSJONIJIET

L-appellant irretena li hu mhux biss kien jaghmel ix-xoghol ta' "storekeeper", il-post li kien gie mpjegat biex jaghmel dan ix-xoghol izda kien jaghmel xoghol iehor ta' "salesman" u "delivery man". Huwa sostna li dejjem qeda dmirijietu u kien ferm sorpriz li s-sid issuspetta fih meta naqset il-bicca tal-ghodda maghrufa "jigsaw", li rrendietu halliel. In-nuqqas ta' din l-ghodda sar minn go post li kien accessibbli ghal kulhadd. Huwa kkontenda li meta mar ikellem lis-sid, dan ta' l-ahhar fl-ebda hin ma kien irrefera ghal xoghol hazin, argument li kien gie rilevat mis-sid biss waqt is-smigh tal-kaz.

Barra minn hekk, is-sid issa wara li tkecca ddikjara li l-appellant ma attwax serq izda naqas li jzomm ir-rekords tal li "store items" updated u korretti, bir-rizultat, dejjem skond is-sid, li fixkel l-organizazzjoni u l-efficjenza ta' l-istabbiliment versu l-klijenti.

L-appellant argumenta li r-raguni li ghaliha tkecca kienet skuza

biex tkopri l-hsieb li tiddahhal persuna ohra halli taghmel ix-xoghol li kien jaghmel hu.

Fis-sottomissjonijiet finali tieghu, is-sid ikkontenda li t-tkeccija ta' l-appellant kienet kagunata min negligenza ta' l-appellant bhala "store keeper" kien responsabbli mill-materjal kollu fl-istore, nuqqas li rrifletta negattivament fuq is-serjeta' u r-reputazzjoni ta' l-istabbiliment li taqdi lill-klijenti, f'suq kompetittiv hafna.

Is-sid ikkontenda li n-nuqqas ta' l-appellant li jzomm "ir-records" tal-items jew materjal "in stock updated", htieg li dan kellu jerga jsir mill-gdid wara li spicca mill-impjieg, u kellu ghalhekk per necessita' jiehu certu zmien.

Is-sid sostna li kien inutili ghall-appellant jghid li x-xoghol li kellu ma kienx ihallielu hin biex izomm "check" updated fuq il-materjal li kellu fl-"iStore".

6. <u>IL-FATTI</u>

L-appellant, Alessandro Petrella kien gie mpjegat ma' Mercieca Bathroom Centre fit-13 ta' Marzu 1995 bhala "storekeeper" b'salarju ta' Lm55 liri Maltin fil-gimgha u safa' mkecci fl-10 ta' Lulju 1995 ghar-raguni skond il-Formola tat-Temm ta' l-Impjieg. "Nuqqas ta' xoghol fid-Dipartiment li kien jahdem fih".
Fl-istess jum cioe' l-10 ta' Lulju 1995 is-sid, is-sur Alex Mercieca cempel lill-appellant li naqset "jigsaw" li kien jahdem biha

l-mastrudaxxa u li kellu suspett fl-appellant. Is-sid informa lill-appellant biex mill-ghada ma jirrapurtax ghax-xoghol izjed.

Dakinhar stess l-appellant u martu marru jkellmu lis-sid li rrepeta s-suspett tieghu fl-appellant dwar il-"jigsaw".

7. <u>KONSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL</u>

Il-kaz quddiem it-Tribunal jitlob ezami u decizjoni dwar jekk ir-raguni li ghaliha tkecca l-appellant kinitx wahda tajba u gusta skond il-Ligi.

It-Tribunal jibda biex jirreferi ghar-raguni tat-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellant kif tidher fil-Formola tat-Temm ta' l-Impjieg mibghuta lill-E.T.C., cioe' "Nuqqas ta' xoghol fid-Dipartiment li kien jahdem fih."

Normalment raguni bhal din tikkwalifika taht il-provvedimenti li jiggovernaw il-kompitu tat-Tribunal Industrijali dwar "Redundancy".

Dan ma japplikax fil-kaz in ezami ghax bl-ammessjoni tal-"employer" stess, din ir-raguni ma kinitx il-vera raguni, ghax inkitbet biex l-appellant ikun jista' jsib xoghol iehor.

Skond l-"employer" ir-raguni li ghaliha tkecca l-appellant kienet ghax ma qediex id-doveri li ghalihom kien impegat ossija dawk ta' "storekeeper".

L-istess sid (employer) fix-xhieda tieghu ma setax jattribwixxi ghall-appellant l-element ta' serq, kemm ghal dak li kien jirrigwarda l-materjal fl-istores u ghall- ghajbien tal-ghodda "jig-saw".

Fil-kaz tal-materjal fli-stores dan gie ccekkjat wara li l-appellant spicca mix-xoghol u nstab korrett u fil-kaz tal-"jig-saw", is-sid fuq din kien kellem lill-impjegati l-ohra u stqarr li ma kellu l-ebda prova li kien hadha l-appellant.

It-Tribunal ghalhekk ma setax ma jaghtix kunsiderazzjoni profonda ghad-dikjarazzjoni tal-employer li fix-xhieda tieghu kien kategoriku li l-appellant ma kienx involut f'serq, u li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu kienet dovuta ghan-nuqqas ta' l-appellant li jaqdi sewwa d-doveri ta' "storekeeper".

Minn naha l-ohra t-Tribunal ma setax jinjora l-kontenzjoni ta' l-appellant, konfermata minn diversi xhieda, li tkeccija tieghu mill-impjieg kienet ghar-raguni li naqset l-ghodda "jig-saw".

It-Tribunal huwa sodisfatt li kif graw l-affarijiet, l-appellant safa mkecci ghab-bazi ta' l-ghajbien tal-"jig-saw" mill-"iStore" li ghalih kien responsabbli l-appellant, izda "store" li kien accessibbli ghall-kulhadd, inkluzi mpjegati ohrajn anke fil-hin wara li l-appellant kien ikun spicca l-gurnata tax-xoghol.

Dan it-Tribunal ezamina b'certa reqqa l-kontenzjoni ta' l-"employ-

er" li l-appellant naqas li jaqdi d-doveri tieghu ta' "storekeeper", nuqqas li seta' u/jew ikkaguna rifless negattiv u danneggjanti dwar ir-reputazzjoni ta' l-istabbiliment li taqdi lill-klijenti.

Jidher li waqt li hu minnu l-"istockcards" li jinzammu biex l-istabbiliment izomm "record" ezatt tal-materjal fl-istores ma kinux inzammu "updated" mill-appellant, it-Tribunal jinnota li din ma ssemmietx bhala r-raguni li ghaliha l-appellant kien gie mkecci fl-inkontru li kellu l-appellant u martu mal-employer immedjatament wara d-decizjoni tat-tkeccija.

Jidher ukoll u dan ma hux kontestat li ghalkemm l-appellant kien il-persuna responsabbli mill-"iStores", huwa kien f'diversi okkazzjonijiet imqabbad jaghmel xoghol iehor ta' "deliveryman" u "salesman", xoghol li kien b'xi mod inaqqsu l-hin tal-appellant biex izomm ir-"records" tal-materjal "up-to-date" u korrett.

Li l-appellant naqas li jzomm ir-"records" ta' l-"iStores" fdati f'idejh kif kien mehtieg, gie zvelat waqt il-proceduri u t-trattazzjoni tal-kaz, meta fil-fehma meqjusa tat-Tribunal kien evidenti li ma kienx naqas ix-xoghol fid-Dipartiment li fih kien impjegat l-appellant u li ma kienx jimmerita s-suspett ta' serq tal-bicca ghodda "jigsaw".

It-Tribunal irid jiddikjara li altru mpjegat jisfa mkecci minhabba nuqqas ta' diligenza fuq ix-xoghol u altru li jigi ttimbrat bid-dell tal-akkuza jew htija ta' serq, specjalment meta bhal fil-kaz

in ezami sussegwentement jirrizulta li dan is-suspett ma kienx fondat, fattur li jizvantagga serjament lill-persuna mkeccija fl-integrita' taghha u jirrendiha difficli li ssib xoghol iehor.

Fl-istess waqt, tkeccija f'cirkostanzi bhal dawn tirrendi l-azzjoni ta' l-employer li jittermina l-impjieg tal-persuna involuta serjissima u gravi.

8. DECIZJONI

Ghaldaqstant wara li kkunsidra l-istatements of case u d-dokumenti esebiti, sema' x-xhieda prodotti u evalwa l-fatti u c-cirkostanzi konnessi mal-kaz, kif ukoll is-sottomissjonijiet u osservazzjonijiet taz-zewg partijiet, dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tieghu citati aktar il-fuq, it-Tribunal isib li t-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellant Alessandro Petrella minn mal-Mercieca Bathroom Centre ma kinitx ghal raguni tajba u sufficjenti.

It-Tribunal ghalhekk jiddeciedi li l-appellant ghandu jinghata kumpens minn ghand l-"employer" Mercieca Bathroom Centre. It-Tribunal jillikwida dan il-kumpens fis-somma ta' Elf Erbgha Mija u Tletin Liri Maltin (Lm1,430).

It-Tribunal jordna li dan il-kumpens ghandu jithallas f'zewg "instalments" ugwali ta' Sebgha Mija u Hmistax Liri Maltin (Lm715), bl-ewwel pagament irid isir sat-23 ta' Marzu 1996 u t-tieni pagament irid isir sa mhux aktar tard mit-23 t'April, 1996.

Ghall-finijiet ta' drittijiet li jithallsu skond A.L. 48 tal-1986, it-Tribunal qieghed jiffissa l-hlas fis-somma ta' Erbghin Liri Maltin (Lm40) liz-zewg difensuri li assistew lill-partijiet.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Carmel Debono
**CHAIRMAN**

Edwin Spiteri
**SEGRETARJU**

mrg